**F’elf biċċa**

Tiġri warajja
Tħallini bla nifs,
Int tistedinni
Ħa nħobbok bla qjies.

Taf li qed nikber
U tafda fija,
Għidli min bħalek
Tassew tjubija?

B’hekk meta moħħi
Jqattar bil-ħsieb,
Għandek jien niġi
Int duwa tal-ħbieb.

B’dik it-tifkira
Irqajqa, bnina,
Hemm jien ninduna
Qalbek ħanina.

Naf li int tħobbni
Għax tafni sewwa,
Mhux bħal lablala
Imsieket għedewwa.

Għalkemm quddiemek
Jien naf li m’għandix,
Min qed jobogħdni
Ismi ma jsemmix.

Imma int ismi
Naqqaxtu f’qalbek,
Inħossok tgħidli:
“Jien tassew sabrek”.

Mela ħallini
Ħsiebek nieħu rrid,
Fis-siegħa tal-ferħ
W anki tas-salib.

Tinsiex f’kull farka
Ħaj jiena ninsab,
F’kull esperjenza
Trab kemm hija trab.

Għax f’kulma jseħħlek
Miegħi rrid ngħannqek,
L-aktar fil-waqtiet

Li d-dinja ssawwtek.

Ħaġa jien ngħidlek
Miegħi tkun rebbieħ,
Anki jekk uħud
Jinfduk biż-żeblieħ.

Kun af li inti
Għalija prezzjuż,
Wisq fil-kundanna
Jien fik majestuż.

Mhux x'jgħidu għalik
Li jgħodd quddiemi,
Li nara qalbek
Dak jgħodd fi lsieni.

Issa strieħ ħija
Ibni wisq ċkejken,
Ħalli madwarek
'l-ħażen inxejjen.

Ibqa' wisq ferħan
Għax inti tiegħi,
Minn din id-dinja
Se nieħdok miegħi.

Mhux għax se tagħlaq
Il-ħajja għajnejk,
Imma għax issa
Jien miegħek u ħdejk.

Gawdi din ħajtek
Ħoss il-preżenza,
Tiegħi 'l hemm f'qalbek
Għax din l-essenza.

Biha int tara
Is-sema miftuħ,
Minnek infejjaq
Id-dgħajjef, il-miġruħ

F'dak kollu li int
Xejn ma jispiċċa,
F'kull farka nħobbok
Int l'int f'elf biċċa.

Patri Mario Attard OFM Cap
1 ta' Ġunju 2023

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.